# Il-Ħuttafa

ħarġa numru 100

Settembru - Ottubru 2010



Danaws

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



## Ikel bl-agħma!

Dil-ħarifa l-arbuxxelli tad-**Deru** għamlu frott bl-agħma. L-għasafar żgħar li għadhom kemm waslu għajjenin u mġewħin mill-passa sabu pranzu sinjur jistennihom. Pitirrossi, kapineri, bekkafiki, buful, sturnell, eċċ. Kulħadd jiffanga!

Ritratt ta' **Victor Falzon**

## Ħej Ħuttaf!

editorjal

U hekk hu fl-aħħar għaqqadna l-mitt ħarġa! Jien niftakar sew meta ħriġna *Il-Ħuttafa* l-ewwel darba fl-1994. Dak iż-żmien *Il-Ħuttafa* kellha tmien paġni biss u kulur xejn. Biż-żmien sebbaħnieha u żidnielha l-paġni, u llum hi dik li hi.

*Il-Ħuttafa* hija differenti ħafna milli kienu jirċievu l-membri meta beda Klabb Ħuttaf 40 sena ilu. Biex tieħdu idea tal-magażin tal-bidu, aqraw paġna 5. Dawk il-membri issa kibru, u uħud minnhom issa għandhom huma stess it-tfal tagħhom jaqraw *Il-Ħuttafa*!

Jien l-iktar li nħossni kburi għax rnexxielna noħorġu *Il-Ħuttafa* kull xahrejn għal 16-il sena sħaħ. Mhux faċli, imma meta jkollok tim bis-sens qed jgħinek, ix-xogħol jiħfief. Impossibli nsemmi lin-nies kollha għax kien hemm ħafna matul is-snin li għenu biex issir *Il-Ħuttafa*. U hemm ukoll il-fotografi: x'kont nagħmel mingħajr ir-ritratti tagħhom? Dawn in-nies kollha jagħtu l-ħin u l-ħila tagħhom bil-gost u bla ħlas. F'isem Klabb Ħuttaf ngħidilhom grazzi kbira.

Insomma, għal dil-ħarġa speċjali Numru 100 qallibna xi ftit il-magażin, u anke daħħalna erba' paġni żejda. Nispera li jogħġbukom. Ċaw ċaw.

Victor

**Victor Falzon**
l-editur

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| **Editorjal** | **2** |
| **Aħbarijiet** | **3** |
| **X'nista' nara tgħid?** | **3** |
| **Mid-dinja** | **4** |
| **Il-Bużnannu tal-Ħuttafa!** | **5** |
| **Mitt ċans biex...** | **6** |
| **4 paġni speċjali** | |
| **...tkun ambjentalist!** | **7** |
| **Attività** | **8** |
| **Qed nagħmlu differenza?** | **8** |
| **Id-Dinożawru** | **9** |
| **Agħti kulur** | **10** |
| **Gallerija** | **10** |
| **Tgħidx ħmerijiet!** | **11** |
| **Nibqa' niftakarha!** | **11** |


## Biex ngħinu l-bijodiversità

Jekk għandek ġnien imiss mar-raba' u ġieli ġie jżurek xi qanfud, ħajjarhom anke jorqdu għandek billi tagħmlilhom moħba!

Sib krejt, friskatur jew banju żgħir tal-plastik. Aqtagħlu bieba xi 14ċm$^2$ u jekk fih xi "ħitan" diviżorji neħħihom (għid lil xi ħadd kbir jgħinek b'għodda li taqta'). Issa sib rokna kwieta fil-ġnien, aqleb il-krejt wiċċu 'l isfel u dawwarha b'xi ġebliet kbar ħalli tiġi soda, imbagħad għatti kollox b'munzell ħamrija u weraq niexef. Il-bieba ħallilha daħla. Dak kollox.


krejt tal-plastik

**Nawguralek familja qniefed!**



Victor Falzon

mal-faċċata



Id-**Danaws** (Plain Tiger) huwa farfett rari f'Malta. Ma tantx tista' tiżbaljah ma' farfett ieħor, kemm minħabba l-kuluri kif ukoll għax huwa l-ikbar farfett li naraw f'pajjiżna. Il-parti ta' quddiem ta' ġismu tkun sewda bit-tikek bojod. Annimal sabiħ immens. Ritratt ta' Victor Falzon

## il-kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon • Fleur Saliba

## il-kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1100 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

©BirdLife Malta, Ottubru 2010
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

aħbarijiet

# Spettaklu ta' tajr...

Settembru u Ottubru huma x-xhur tat-tajr tal-priża. F'daż-żmien eluf ta' bgħadan, kuċċard u isqra jħallu l-Ewropa u jpassu lejn artijiet iktar sħan biex jgħaddu x-xitwa hemmhekk. Dawn l-għasafar ma jħobbux jivvjaġġjaw fuq il-baħar, għalhekk biex jaqsmu l-Mediterran jgħaddu minn fejn il-baħar huwa l-idjaq. Wieħed minn dawn il-postijiet huwa bejn Sqallija u t-Tuneżija. Peress li Malta viċin t'hemmhekk, minn fuqna jgħaddi ftit tajr tal-priża mhux ħazin.

Kull sena, berdwoċers tal-BirdLife imorru l-Buskett biex igawdu dan l-ispettaklu. Din hija lista ta' kemm raw tajr tal-priża b'kollox minn post wieħed fl-iktar tlett ijiem tajbin ta' Settembru.

Il-ġranet kienu
17, 18 u 21 Sett 2010

| | |
|---|---|
| Bagħdan Aħmar | 674 |
| Kuċċarda | 661 |
| Seqer tal-Ħannieqa | 24 |
| Spanjulett | 19 |
| Spanjulett Sekond | 14 |
| Arpa | 7 |
| Astun Iswed | 5 |
| Bies tar-Reġina | 2 |
| Bagħdan Griż | 1 |
| Bagħdan Abjad | 1 |
| total | 1408 |



Matthew Borg Cardona

Bagħdan Aħmar

Grazzi lil Edward Bonavia tal-figuri.

# Il-Musmar



Victor Falzon

Ftit ġimgħat ilu fir-riserva tas-Simar reġa' kiber dan l-istramberija ta' faqqiegħ. Ngħidulu Musmar, għax qisu musmar twil imsaddad. Huwa rari ħafna u l-ewwel li nstab jikber Malta kien proprju f'Is-Simar stess fl-2003.

## X'Nista' Nara Tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

# Is-Silfjun Ewropew

**Eurasian Wigeon** *Anas penelope*


Victor Falzon

Dan wieħed mill-papri slavaġ li jidhru l-aktar fil-ħarifa u x-xitwa. Huwa wkoll wieħed mill-isbaħ. Meta jkun itir jingħaraf ukoll mil-lewn abjad jixgħel ta' żaqqu. Bħall-bqija tal-[1]borok, il-mara ma jkollhiex il-kuluri sbieħ tar-raġel u tkun iktar diffiċli li tagħrafha. Kultant jidher fi qtajjiet fuq il-baħar, imma l-iktar li għandek ċans tarah huwa meta xi waħdiet jidħlu fir-riserva tal-Għadira jew tas-Simar u jqattgħu xi jiem jew ġimgħat hemm. Jiekol l-iktar pjanti tal-ilma u ħaxix tal-art. L-għajta tar-raġel qisha suffara!

Għalkemm jissejjaħ "Ewropew", ma jinstabx fl-Ewropa biss. Ibejjet ukoll f'partijiet tar-Russja u ċ-Ċina, u jidher li mir-Russja qed jinfirex ukoll fl-Amerka.




It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, li huwa miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew mir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.

[1] **borka** = papra selvaġġa

X'għandna mid-dinja?

# Semgħuh jagħtas!


Xadin minn razza li tixbaħ il-Myanmar Snub-nosed Monkey. Dan ukoll għandu mnifsejh strambi.

Fi **Myanmar** għadhom kemm skoprew xadin ġdid. Tgħiduli imma kif jista' xadin idum daqshekk ma jiskopruh? Mhux xi insett żgħir hux. Veru, imma l-pajjiż għadu nofsu miksi foresti fejn anke annimali kbar jistgħu jinħbew.

Ix-xadin il-ġdid huwa l-**Myanmar Snub-nosed Monkey** *Rhinopithecus strykeri*. Għalkemm id-dinja tax-xjenza ilha biss ftit ġimgħat taf b'dax-xadin, n-nies tal-lokal ilhom jafu bih, u jgħidulu *mej nwoah*.

In-nies tal-lokal jgħidulek li l-aħjar biex issib dax-xadin huwa fix-xita, għax tisimgħu jagħtas! Dan għaliex imnifsejh jiftħu 'l fuq, allura meta tagħmel ix-xita jidħollu l-ilma f'imnieħru u jibda jagħtas. Fil-fatt dax-xadin tgħallem biex fix-xita joqgħod rasu baxxuta bejn irkubbtejh!

Tgħid x'jiġri jekk tagħmillu ħalba silġ?

Kos, in-natura dejjem b'xi ħaġa ġdida hux!

# Lura minn xifer l-irdum

Dan l-aħħar kellna aħbar sabiħa mill-**Kolombja**: għasfur rari nġibed lura mill-estinzjoni. Il-**Yellow-eared Parrot** *Ognorhynchus icterotis* huwa pappagall li sa 10 snin ilu kienu ħasbuh li nqered għal kollox mill-Kolombja, u mid-dinja. Imma mbagħad naturalisti sabu grupp ta' xi 80 għasfur fil-muntanji Andes tal-pajjiż. Għalkemm kienet aħbar tajba, 80 huwa xorta numru żgħir ħafna, għalhekk l-[1]IUCN stmat l-għasfur bħala *Critically Endangered*, jiġifieri f'periklu kbir li jinqered. Għalhekk il-ProAves (għaqda bħall-BirdLife) ħalfet li tipprova ssalvah, u għamlet sforzi kbar biex l-inħawi fejn jgħix dal-pappagall jitħarsu sew. Dan il-pappagall huwa anke l-logo tagħhom.


Jgħidulu Yellow-eared għax għandu rix isfar fuq wara ta' wiċċu.

PROAVES COLOMBIA

L-isforzi ħadmu, in-numru ta' pappagalli żdied u dis-sena qabeż l-elf. L-IUCN għalhekk bidlet l-istatus tal-Yellow-eared Parrot għal *Endangered*. Xorta għadu fil-periklu, imma għall-inqas issa għandu ċans jirkupra sew.

Prosit ProAves u kull min għen biex isalvaw dal-ġmiel ta' annimal. Jalla l-għasafar kollha li qegħdin fil-periklu isibu l-għajnuna li sab il-Yellow-eared Parrot.

# Sas-sena 2020...

Ftit ġranet ilu fil-**Ġappun** iltaqgħu l-ministri tal-ambjent ta' kważi 200 pajjiż u iffirmaw ftehim storiku. Dawn wegħdu li jagħmlu sforzi kbar biex ma jħallux iktar speċi ta' annimali u pjanti jinqerdu mid-dinja, kif qed jiġri bħalissa. Waħda mill-miri hi li sa 10 snin oħra mill-inqas 17% tal-art u 10% tal-baħar tad-dinja jkunu protetti. Dal-ftehim semmewh in-**Nagoya Protocol** għax il-laqgħa saret f'belt jisimha Nagoya. Issa nisperaw li l-ministri jżommu kelmthom!

Dik hi l-bużillis!


## www.birdinginmalta.com



Tħobb l-għasafar? Mela żur il-websajt **Birding in Malta** għal tagħrif u ritratti fuq l-għasafar ta' Malta, u anke postijiet tajbin għall-berdwoċing. Dil-websajt ħolquha Nicholas Galea u Steve Zammit Lupi, żgħażagħ berdwoċers u membri ta' Klabb Ħuttaf.







## Ftakar!




**Dal-poster għalik jekk iġġedded il-miżata fi Klabb Ħuttaf.**

Irridu!

[1] **IUCN** = **I**nternational **U**nion for the **C**onservation of **N**ature. L-IUCN toħroġ ir-Red Data Book, lista ta' annimali u pjanti rari jew li qegħdin fil-periklu li jinqerdu mid-dinja.

# il-Bużnannu tal-Ħuttafa!

**Il-Ħuttafa ilha toħroġ mill-1994, imma l-BirdLife ilha bil-membri żgħar mill-1969. X'kienu jirċievu l-membri tal-Klabb fl-antik?**


MALTA ORNITHO...

THE YOUNG BIRD LOVER — JAN 1969

MALTA ORNITHOLOGICAL SOCIETY    Leaflet for young members: No. 1.

Dear Young Member,

The Malta Ornithological Society will be issuing in the future, leaflets of information on our birds for the young members. We hope that you will find them interesting. The aim of these leaflets is to encourage you to study and enjoy birds in their natural wild state of life and to realise the need to protect wild birds.

We hope that you will do your best to help the Malta Ornithological Society by sending the names and addresses of other youngsters between the age of 14 and 18 whom you think will be interested to join. The membership fee (which is voluntary) is only 2s. 6d. annually.

The following three short articles were prepared specially for you by J. Sultana and C. Gauci. We hope you will keep this leaflet for future reference.

c/o 3, Sciberras Flats, Fleur-de-Lys Junction, B'Kara.    /s/ Edwin Spiteri Campbell, Young Members' Officer.

1. Bird Watching and Identification:

Bird watching is a hobby which can be practiced everywhere and all the year round. It is a pleasant, relaxing, healthy and stimulating pastime. It is a popular hobby which can be practiced and enjoyed by anyone - from young to old, from the beginner and the amateur to the professional. It is also one of the cheapest sports, whose essential tools are your own sight and hearing, plus a pencil and a note-book. Binoculars are also needed and a guide book helps you in the identification of the birds you watch. We recommend the "Observer's Book of BIRDS" by S. Vere Benson whose price falls in the region of 6s. For those who can afford £1.12s., the best guide is "A Field Guide to the Birds of Britain and Europe" by R. Peterson, G. Mountfort, and P.A.D. Hollom. Previously the study of birds was made through shooting but nowadays the emphasis of study is made on the living bird, its behaviour and its relationship to its surroundings. The first task is to learn to recognise birds. In Malta the beginner should start with the resident birds. Then he can turn his attention to the wintering ones as these stay with us for more than five months and afterwards concentrate on the migrants.

The general terms used for the status of birds are the following:-

a. Resident = found all the year round and nests.
b. Summer resident = present from April to September and nests.
c. Winter resident = present from October to March.
d. Migrant = passes through the Maltese Islands.

Birds can be seen almost everywhere: in towns, parks, gardens, in the fields, in the valleys, over the hills and on the sea-coasts. Some places are more frequented than others and they are better for watching. The wooded areas, like Buskett, our valleys with their reed-beds, the cultivated areas and the open rocky wastelands, all provide proper habitats for many species. The beginner has to learn to watch and wait. He has to be patient; unnecessary movements, brightly coloured clothes, and noises will betray his presence resulting in birds behaving unnaturally or flying away.

(continued overleaf)

**Il-faċċata tal-ewwel ħarġa ta' The Young Bird Lover li ħarġet f'Jannar 1969.**

Meta beda Klabb Ħuttaf fl-1969 kien jismu Young Members Section (YMS) u ftit ħafna kien fih membri - forsi xi 20! Imma xorta waħda l-BirdLife (dak iż-żmien kien jisimha [1]MOS) ħasbet għalihom dawk il-ftit tfal, u bdiet toħorġilhom **The Young Bird Lover**.

Dan kien fuljett ta' erba' paġni miktubin bl-Ingliż, bi ftit disinji, kulur xejn u linka ċara. Imma avolja ma kellux tlellix, dal-fuljett xorta kien speċjali għax dan kien tal-ewwel u kien miktub għat-tfal li jħobbu n-natura.

Fl-1973, **The Young Bird Lover** sar jismu **L-Għasfur** u beda jinkiteb bil-Malti. **L-Għasfur** bidel il-forma xi darbtejn u żdidulu l-paġni. Issa ma kienx iktar fuljett u stajt issejjaħlu magażin żgħir. Imma xorta waħda xejn kulur u xejn stampat. Dak iż-żmien kienu jużaw magna jgħidulha *duplicator* u l-linka mhux dejjem kienet toħroġ sura.




**Il-faċċata ta' L-Għasfur Nru 12 li ħarġet f'Settembru 1976.**

FL-1980, il-YMS bdiet toħroġ **Storm Petrel**, magażin ta' sitt paġni. Dan ukoll biż-żmien żdidulu l-paġni, bħalma bdew jiżdiedu wkoll il-membri tal-Klabb, li issa kienu qabżu l-mija. Għall-ewwel, **Storm Petrel** kien taħlita ta' Malti u Ingliż, imma wara seba' ħarġiet ġie kollu bil-Malti u sar jismu **Il-Kanġu**.

Issa l-magażin kellu ħafna iktar tpinġijiet u kartuns, u biex nagħmluh iktar sabiħ konna nvarjaw il-kulur tal-karta ta' quddiem. Imma s-sistema kienet għadha bid-duplikejter u l-linka baqgħet tagħti ħafna problemi. Imma l-[2]MOSY (l-isem il-ġdid tal-YMS) xorta kienet kburija bih **Il-Kanġu**. Wara kollox ma kienx hawn magażin bħalu f'Malta: magażin għat-tfal fuq in-natura.

Fl-aħħar **Il-Kanġu** bdejna noħorġuh stampat u b'16-il paġna. Għall-erwieħ, daqshekk diżastri u tiċpis bil-linka! Veru li kien iktar għali biex isir, imma issa kull paġna kienet perfetta. Kellna biex niftaħru.

Fl-istess ħin il-MOSY kellha wkoll *newsletter* ta' kull xahar jisimha **Il-Ħabbara**. Minħabba n-*newsletter*, **Il-Kanġu** beda jaqa' lura u jdum ma joħroġ ħafna xhur. Għalhekk il-MOSY għaqqdet in-*newsletter* u l-magażin flimkien f'publikazzjoni waħda ġdida.

Il-MOSY issa kienet saret Klabb Ħuttaf, u għalhekk il-magażin il-ġdid semmietu **Il-Ħuttafa**. Dan beda joħroġ kull xahrejn u jintbagħat lill-mijiet ta' membri li issa kellu l-Klabb.

Għall-ewwel **Il-Ħuttafa** wkoll kienet *black-and-white* imma ftit ftit bdejna nżellqu xi faċċata bil-kulur, u fl-aħħar qlibna għal kollox bil-kulur. U hekk għadu sal-lum!

**U dik fuq fuq kienet l-istorja tan-nanniet u l-bużnanniet ta' Il-Ħuttafa !**










**Il-faċċata ta' Storm Petrel Nru 4 (Lulju 1981), u ta' Il-Kanġu Nru 23 (Jannar 1990), l-ewwel wieħed li ħareġ stampat.**

[1] **MOS** = **M**alta **O**rnithological **S**ociety (ornitoloġija tfisser l-istudju tal-għasafar). [2] **MOSY** = **M**alta **O**rnithological **S**ociety **Y**ouths

# 100 ċans biex

1. Daħħal membru fi **Klabb Ħuttaf**
2. Uża bozoz u lampi li jaħlu inqas dawl.
3. Fejn tista' uża njam flok plastik.
4. Arma panewijiet fotovoltajċi fuq il-bejt.
5. Jekk għandek ġnien, ħalli rokna għall-pjanti selvaġġi.
6. Attendi kemm tista' ħarġiet tal-Klabb.
7. Waħħal *nestbox* għall-Għasafar tal-Bejt.
8. Arm… solar… b…

23. Għaxxiri ġorr basktijiet taċ-ċarruta.
24. Jekk għandek bir, uża l-ilma tiegħu għall-ħasil u t-tisqija.
25. Żomm it-tajers tal-karozza minfuħin kemm suppost.
26. Jekk tal-ħanut joffrilek borża għal xi ħaġa żgħira, għidlu le grazzi.
27. Pitazz użah kollu, tħallix linji vojta.
28. Taqtax fjuri mill-kampanja.
29. Qabel tarmi reċipjent ara tistax tużah biex terfa' affarijiet fih.
30. Jekk għandek qattus u tħallih joħroġ, agħmillu ġonġol mal-kullar.
31. Aqra **Il-Ħuttafa** minn qoxra sa qoxra.
32. Arma *bird table* fil-ġnien.
33. Għal distanzi qosra, mur bil-mixi jew bir-rota.
34. Tħallix dwal u apparat mixgħulin għalxejn.
35. Ixtri deterġenti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.
36. Meta tuża l-kitla, kejjel minn qabel kemm ħa tuża ilma.
37. Tużax dixwoxer għal ftit ċekċik.

Ixtr… sprej… *ozone friend…*

53. Fis-sajf żomm reċipjent żgħir bl-ilma fil-ġnien (bitħa, bejt, eċċ) għall-għasafar.
54. Uża kalkjulejters li jaħdmu bix-xemx.
55. Ħawwel imqar siġra waħda kull sena għall-bqija ta' ħajtek!
56. Tixtrix pets eżotiċi bħal sriep, igwani u pappagalli.
57. Jekk tara kamaleonti fil-kampanja, gawdih bla ma tmissu.
58. Għallem lil sħabek fuq in-natura u l-ambjent.
59. Flok "ħaxix ħażin" tgħallem għid "ħaxix selvaġġ"!
60. Żomm graf ta' kemm tużaw dawl u ilma d-dar, u waħħalha x'imkien fejn tidher.
61. Kun int *in charge* li titfi d-dwal u l-apparat fil-klassi. U agħmel xogħlok sew!
62. Tagħtix pets bħala rigali jekk m'intix ċert li jriduhom.
63. Tmorrux ċirkli, żuwijiet, dolfinarja u postijiet oħrajn li jużaw annimali li posthom fis-salvaġġ.
64. Jekk għandek vit jew flaxing iqattru, sewwihom.
65. Uża sistema ta' flaxing li fiha *short-flush* jew minn dawk li twaqqafhom x'ħin trid.
66. Tuża… *toothbrus…* jaħdmu bi…

81. Jekk tiekol il-bebbux, ieqaf u ħallihom jgħixu!
82. Ixtri kamera diġitali, ħu ritratti tan-natura u tella' wirja l-iskola.
83. Żur ir-riservi naturali tal-Għadira u Is-Simar, u mur sa Foresta 2000.
84. Jekk se tixgħel l-erkondixiner għal bil-lejl, agħmlu fuq tajmer.
85. Sib websajts tan-natura u żidhom mal-*Bookmarks*.
86. Kull xahar sib fjura ġdida fil-kampanja u tgħallem x'jisimha.
87. Se tixtru friġġ jew magna tal-ħasil? Agħżlu klassi A+, A++, A+++ li jaħlu inqas dawl.
88. Jekk għandek ġnien, ħalli xi rkejjen bil-ġebel għall-wiża' u l-gremxul.
89. Żur spiss il-websajt ta' **BirdLife Malta**.
90. Fejn tista', ixtri bil-*bulk* ħalli tiffranka ppakkjar żejjed.
91. Jekk se tixgħel l-erkondixiner, agħlaq it-twieqi kollha.
92. Fejn tista' uża borża tal-karti flok tal-plastik.
93. Jekk se tagħmel membrane fuq il-bejt, agħżel il-bajda ħalli tirrifletti s-sħana.
94. Meta toħroġ fil-kampanja, ħu tromba miegħek.

# tal-magażin
# agħna...
## ħal 100 ħarġa oħra!



6 Jan-Fra 1995 | 7 Mar-Apr 1995 | 8 Mej-Ġun 1995 | 9 Lul-Aww 1995 | 10 Set-Ott 1995



Fra 1997 | 19 Mar-Apr 1997 | 20 Mej-Ġun 1997 | 21 Lul-Aww 1997 | 22 Set-Ott 1997 | 23 Nov-Diċ 1997 | 24 Jan-Fra 1998 | 25 Mar-Apr 1998



ww 1999 | 34 Set-Ott 1999 | 35 Nov-Diċ 1999 | 36 Jan-Fra 2000 | 37 Mar-Apr 2000 | 38 Mej-Ġun 2000 | 39 Lul-Aww 2000 | 40 Set-Ott 2000



Fra 2002 | 49 Mar-Apr 2002 | 50 Mej-Ġun 2002 | 51 Lul-Aww 2002 | 52 Set-Ott 2002 | 53 Nov-Diċ 2002 | 54 Jan-Fra 2003 | 55 Mar-Apr 2003



ww 2004 | 64 Set-Ott 2004 | 65 Nov-Diċ 2004 | 66 Jan-Fra 2005 | 67 Mar-Apr 2005 | 68 Mej-Ġun 2005 | 69 Lul-Aww 2005 | 70 Set-Ott 2005



Fra 2007 | 79 Mar-Apr 2007 | 80 Mej-Ġun 2007 | 81 Lul-Aww 2007 | 82 Set-Ott 2007 | 83 Nov-Diċ 2007 | 84 Jan-Fra 2008 | 85 Mar-Apr 2008



ww 2009 | 94 Set-Ott 2009 | 95 Nov-Diċ 2009 | 96 Jan-Fra 2010 | 97 Mar-Apr 2010 | 98 Mej-Ġun 2010 | 99 Lul-Aww 2010 | 100 Set-Ott 2010




Ħuttafa qed titma' lill-frieħ tagħha, f'bejta tat-tajn u t-tiben li bniet f'Is-Sannat (Għawdex).

Ritratt sabiħ ta' Joe Sultana



# 100 ħarġa t
# għażiż t

U qed nirrankaw għ



1 Mar-Apr 1994 | 2 Mej-Ġun 1994 | 3 Lul-Aww 1994 | 4 Set-Ott 1994 | 5 Nov-Diċ 1994



11 Nov-Diċ 1995 | 12 Jan-Fra 1996 | 13 Mar-Apr 1996 | 14 Mej-Ġun 1996 | 15 Lul-Aww 1996 | 16 Set-Ott 1996 | 17 Nov-Diċ 1996 | 18 Jan-



26 Mej-Ġun 1998 | 27 Lul-Aww 1998 | 28 Set-Ott 1998 | 29 Nov-Diċ 1998 | 30 Jan-Fra 1999 | 31 Mar-Apr 1999 | 32 Mej-Ġun 1999 | 33 Lul-A



41 Nov-Diċ 2000 | 42 Jan-Fra 2001 | 43 Mar-Apr 2001 | 44 Mej-Ġun 2001 | 45 Lul-Aww 2001 | 46 Set-Ott 2001 | 47 Nov-Diċ 2001 | 48 Jan-



56 Mej-Ġun 2003 | 57 Lul-Aww 2003 | 58 Set-Ott 2003 | 59 Nov-Diċ 2003 | 60 Jan-Fra 2004 | 61 Mar-Apr 2004 | 62 Mej-Ġun 2004 | 63 Lul-A



71 Nov-Diċ 2005 | 72 Jan-Fra 2006 | 73 Mar-Apr 2006 | 74 Mej-Ġun 2006 | 75 Lul-Aww 2006 | 76 Set-Ott 2006 | 77 Nov-Diċ 2006 | 78 Jan-



86 Mej-Ġun 2008 | 87 Lul-Aww 2008 | 88 Sett-Ott 2008 | 89 Nov-Diċ 2008 | 90 Jan-Fra 2009 | 91 Mar-Apr 2009 | 92 Mej-Ġun 2009 | 93 Lul-A

# tkun ambjentalist !

9 Tħallix il-kompjuter u t-televixin mixgħulin *stand-by*.

10 Iddaħħalx affarijiet sħan fil-friġġ.

11 Ifred l-iskart.

12 Kul inqas laħam, u iktar ħaxix.

13 Ibgħat kartolini elettroniċi, flok kartolini tal-karti.

14 Ħu xawer flok banju.

15 Faddal u uża kartonċin minn pakketti taċ-ċereali.

16 Bil-lejl fil-kampanja, suq bil-mod biex ma ttajjarx qniefed.

17 Qabel tuża ħerdrajer, ħalli xagħrek jinxef ftit ġo xugaman.

18 Biex iżejjen fil-Milied, taqtax friegħi taż-Żnuber: iġbor biss prinjol mill-art.

19 Jekk għandek ġnien kbir, agħmel rokna għall-kompost.

20 Ixtri sapun li mhux ittestjat fuq l-annimali.

21 Uża batteriji rikarikabbli.

22 Uża prodotti li għandhom ippakkjar mill-inqas.

38 Tmur fejn tmur, tħallix skart warajk.

39 Biex taħsel snienek, tħallix il-vit nieżel.

40 Jekk ħa tixtri għamara ġdida, tagħżilx injam tropikali bħal kewba, iroko u teak.

41 Jekk għandek ġnien, ħawwel fih pjanti indiġeni flok pjanti barranin.

42 Għall-birthday li jmiss għidilhom jixtrulek tromba!

43 Tikolx iktar rizzi! Ħallihom jgħixu.

44 Jekk tmur skola primarja, ħajjar lill-għalliema biex tagħmlu **Dinja Waħda**.

45 Jekk l-iskola għandkom ġnien, ibdlu parti minnu f'**WildZone**.

46 Tħallix friġġ jew friżer miftuħ iktar minn ftit sekondi.

47 F'xatt il-baħar, ħalli l-granċijiet bi kwiethom.

48 Għall-Milied għidilhom jixtrulek mikroskopju!

49 Issirx kaċċatur, u ssirx nassab.

50 Ħu **Il-Ħuttafa** miegħek l-iskola u ħalli 'l sħabek jarawha.

51 Likwidi perikolużi u żjut faddalhom u ħuduhom f'ċentru tal-frid tal-iskart.

67 Jekk tixtri tonn taż-żejt, qis li jkun *dolphin friendly*.

68 Uża inqas it-*tumble drier*, u iktar ix-xemx u r-riħ.

69 Uża karta riċiklata.

70 Jekk tisma' jew tara kaċċa kontra l-liġi, irrapporta billi ċċempel 112.

71 Batteriji użati faddalhom u armihom f'*battery bank*.

72 Jekk għandek trabokk tal-pitirrossi, kissru.

73 Jekk se tixtru karozza ġdida, ixtru waħda ekonomika. Tixtrux SUV.

74 L-iskola ħu l-ikel f'*lunchbox*, mhux f'borża.

75 L-iskola x-xorb ħudu fi flixkun b'saħħtu, mhux flixkun li tużah darba.

76 Tarax dokumentarji li jippruvaw ibeżżgħuk mill-annimali !

77 Biex tuża karti raff, sib karti użati minn wara.

78 Jekk għadkom m'intomx **Family Member**, siru issa!

79 Uża kartriġis tal-linka minn dawk li tista' terġa' timla.

80 Fejn tista' uża *brown paper* biex tiksi pitazzi u kotba.

95 ...użax il-*vacuum cleaner* għal ...kinsiet żgħar. Uża xkupa!

96 Tiġborx annimali mill-kampanja. Gawdihom fil-post!

97 Tipprintjax imejls għalxejn. Żommhom ġo folder fuq il-kompjuter.

98 Jekk tara ħsara lill-ambjent, ikteb ittra fil-gazzetta.

99 Jekk għandek wiżgħat fid-dar toqtolhomx - jagħmlu l-ġid.

100 Xerred din il-lista ma' kemm tiflaħ nies!

## Pariri għall-familja biex tgħix b'mod iktar ġentili lejn l-ambjent.

attività

# Sejrin inħawlu koċċ... Ġejjin hux?



data
il-Ħadd 28 Novembru 2010
niltaqgħu
quddiem ir-riserva tal-Għadira
ħin 9am
ġibu ħeġġa biex tħawlu :)
merħba membri* u familja

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir

Jekk tiftakru, f'Jannar li għadda għamilna ħarġa għal Foresta 2000 imma ma ħawwilniex siġar bħas-soltu. Minħabba li xita ma tantx kienet għamlet, l-art ma kinitx tajba għat-taħwil tas-siġar. Imma dil-ħarifa qed tagħmel xita mhux ħażin, u għalhekk issa nistgħu mmorru nħawlu. Did-darba flok f'Jannar se mmorru f'Novembru. Intom għalikom xorta hux? Tajjeb, mela tlaqna!

## Qegħdin nagħmlu differenza?




Desirée Falzon

Mis-sena 2005 'l hawn, Klabb Ħuttaf sirna kull sena mmorru nħawlu koċċ siġar f'Foresta 2000.

Forsi tistaqsu: Imma wara dax-xogħol kollu mill-membri, qegħdin nagħmlu differenza?

It-tweġiba toħduha minn daż-żewġ ritratti. Fuq ix-xellug taraw attività ta' taħwil li konna għamilna f'Jannar 2006. Taraw tfal, ġenituri u leaders, f'idejhom imgħażaq u qsari b'siġar żgħar - tant żgħar li bilkemm jidhru fir-ritratt.

Issa araw ir-ritratt tal-lemin, li ħadnieh ftit ġimgħat ilu, fl-istess post u mill-istess angolu.

Taraw differenza? Iva hux! Dawk is-siġar żgħar fil-qsari issa jidhru sew: Żnuber, Għargħar, Deru u Imbrijagla. Kibru u qed isiru żgħażagħ. Baqgħalhom x'jogħlew u x'jiffullaw, u jistgħu jgħixu mijiet ta' snin. Dawk minnkom li kienu ġew iħawlu dakinhar fl-2006 għandkom biex tkunu kburin.

Qegħdin nagħmlu differenza?




Victor Falzon

## Tiċċajta aħniex !



# Id-Dinożawru










Ritratti meħudin minn Victor Falzon fir-riserva naturali tal-Għadira

# Pispisella

Victor Falzon







Il-Pispisella ma tantx ikollha kuluri jgħajtu, għax tgħix fil-miftuħ u ma tkunx trid tagħti fl-għajn! Imma stampa tista' tkun sabiħa xorta. Hemm il-forma eleganti tal-għasfur, il-qagħda tiegħu, u hemm l-affarijiet ta' madwaru. Flimkien dawn jistgħu jiffurmaw pittura interessanti.



Ħanina kemm jgħid dal-ħanex! Stordieni!

**Agħti kulur lill-istampa!**

# GALLERIJA

Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu. Basta tan-natura.



**Ajkla Bajda**
John Critien 6



**Bies**
Nathaniel Calleja Gera 8



**Silfjun Ewropew**
Danica Borg 10



**Apparell**
Lara Castillo 10



**Aċċola**
Gabriel Bugelli 14

## ARTI T'ASKYA

Kartun ieħor ta'
**Askya Pizzuto**
14



Iz-ZAKAK ABJAD



**Naħla**
Steve Zammit Lupi 14

Din fjura mhux insett. Jgħidulha Naħla għax għandha petala qisha naħla sufija. Anke bl-Ingliż jisimha Bumblebee Orchid.

# Tgħidx ħmerijiet!

**Desirée Falzon** iddur dawra ma' ħmerijiet li nisimgħu fuq l-annimali.







**Lanqas xejn!** Il-Pitirrossi jiġu ħafna qabel il-Milied. Jaslu Malta l-iktar f'Ottubru, meta t-temp ikun għadu ma kesaħx sew. Jekk jippruvaw ipassu fil-Milied, jinqabdu fil-maltemp! Ħafna għasafar ipassu biex jaħarbu mill-kesħa u mis-silġ, għax jekk fix-xitwa jibqgħu f'arthom, imutu jew bil-bard jew għax ma jsibux x'jieklu. Allura importanti li jitilqu minn art twelidhom *qabel* ma tiġi l-kesħa. Il-Pitirrossi li naraw Malta jiġu mill-Ewropa ta' Fuq, tal-Lvant u anke mir-Russja, u ħafna minnhom ikomplu jpassu sal-Afrika. Imma eluf oħrajn jieqfu Malta, u fil-fatt dis-sena l-Pitirrossi ġew f'numru kbir f'Ottubru. Dawn issa se jqattgħu magħna mhux il-Milied biss, imma x-xitwa kollha!

# "Dik il-ħarġa nibqa' niftakarha."

Meta tibda toħroġ berdwoċing ikun hemm mumenti li jibqgħu stampati f'moħħok u xejn ma jħassarhom. Għal din il-mitt edizzjoni tal-magażin, staqsejna lill-membri tal-Kumitat tal-Klabb biex imorru ftit lura fiż-żmien u jiftakru f'ħarġa speċjali ta' Klabb Ħuttaf li baqgħet fil-memorja.



Kathleen

Għadni niftakarha qisu l-bieraħ lil Desirée tgħidli: "Għax ma tidħolx Leader magħna fi Klabb Ħuttaf?" L-idea għoġbitni u hekk għamilt. L-ewwel ħarġa tiegħi mal-Klabb kienet mixja Selmun. Mill-ewwel ħassejtni komda, imdawra bi tfal u ġenituri li jħobbu n-natura daqs kemm inħobbha jien. Il-ħerqa tal-Ħuttaf iż-żgħar biex jitgħallmu dwar l-għasafar u l-pjanti laqtitni. Ibqgħu żommu dak l-entużjażmu li għandkom lejn in-natura u żgur li ddakkru lil ta' madwarkom ukoll!






Desirée

Żmien ilu konna mmorru Għawdex u ngħaddu lejl fuq l-irdum f'Ta' Ċenċ biex nisimgħu ċ-Ċief, flok immorru bid-dgħajsa biex narawh bi nhar. Qatt ma ninsa l-għajat isaħħrek ta' mijiet ta' ċief iduru taħtna u fuq rasna, jgħajtu lil xulxin u lill-frieħ fil-bejtiet fix-xquq tal-irdum. U kollox fi dlam ċappa. Tant hi storbjuża l-ħajja ta' kuljum, li meta tinqata' fil-kwiet tal-irdum maċ-Ċief, tkun qisek ġo dinja tal-ħolm...



Jason

Kien waqt ħarġa tal-[1]MOSY fl-inħawi tal-Qammieħ. Kienet ġurnata bnazzi u l-blu tal-baħar kien bħal dak li tara fil-pitturi. Ħin minnhom daħlet qatgħa Agretti Bojod, itiru fil-baxx u kważi jħokku mal-ilma, tant li f'wiċċ il-baħar kien hemm ir-rifless bajdani miexi magħhom. Bla ma ħadd qalilna, kulħadd waqaf mill-għajat u d-diskors, jammira fis-skiet dak il-ġmiel ta' tajr għaddej bil-kalma kollha minn taħtna.



Matthew

Waħda mill-isbaħ ħarġiet li kelli kienet Bike Hike li għamilna mal-Falko fl-2006. Mill-Mosta, it-triq ħaditna Għajn Riħana u minn hemm tlajna ż-Żebbiegħ u spiċċajna l-bajja tal-Ġnejna. Il-pjan kien li minn hemm induru lura l-Mosta però konna qed inħossuna avventurużi u minflok, tlajna Fomm ir-Riħ. Domna sagħtejn biex għaddejna minn dil-biċċa... bir-roti fuq daharna! Imma fl-aħħar wasalna u komplejna lejn Binġemma, l-iMġarr u lura l-Mosta. Attività li żgur qatt mhu se ninsa!



Victor

Ħarġa li nibqa' niftakar kienet proprju l-ewwel ħarġa tiegħi, fl-1975! Konna grupp ta' xi 10 u konna morna Ħal Far, li dak iż-żmien kien għadu mitjar f'idejn l-Ingliżi. Hemmhekk rajna ħafna Pluvieri u Venew, u niftakar konna salvajna Għasfur tal-Bejt li kien maqbud fil-ġewnaħ ta' biċċa ajruplan mitluq. Dak iż-żmien ma kellix tromba, allura kont nieħu teleskopju żgħir ta' ħija l-kbir (li kont nisraqulu għall-ħarġiet :).




[1]**MOSY** (Malta Ornithological Society Youths) huwa l-isem l-antik ta' Klabb Ħuttaf, meta l-BirdLife kien għadu jisimha MOS.

# BOV Young Savers Account




# aħna ngħinuk **tfaddal**

Faddal il-flus li taqla' permezz tal-**BOV Young Savers Account** u gawdi minn:

- **Karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont**
- **Rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'.**

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020

BOV 27896

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*